31975L0379

3.7.1975 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 172/17

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' Ġunju 1975
li temenda d-Direttivi Nru 64/432/KEE, Nru 64/433/KEE, Nru 71/118/KEE, Nru 72/461/KEE u Nru 72/462/KEE rigward il-validità tal-proċeduri tal-Kumitat Veterinarju Permanenti

(75/379/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Kumitat Veterinarju Permanenti, li ġie stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 68/361/KEE [2], jesprimi l-Opinjoni tiegħu skond il-proċeduri, li l-validità tagħhom kienet limitata għal perjodu ta' 30 xahar mid-data li fiha talba għal Opinjoni titressaq għall-ewwel darba quddiem l-istess Kumitat;

Billi materja kienet tressqet għall-ewwel darba quddiem il-Kumitat fit-22 ta' Diċembru 1972; billi l-perjodu li għadda mhux biżżejjed biex deċiżjoni finali tista' tintlaħaq, u billi l-validità tal-proċeduri fuq imsemmija tista' tiġi estiża biss temporanjament;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Fl-Artikoli li gejjin, it-terminu "30 xahar" qed jinbidel b'"102 xhur":

— L-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 64/432/KEE [3] tas-26 Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jeffetwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u fil-majjali, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill Nru 74/387/KEE [4];

— L-Artikolu 9b tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 64/433/KEE [5] tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jeffetwaw il-kummerċ intra-Komunitàarju fil-laħam frisk, kif emendat bid-Direttiva Nru 74/387/KEE;

— L-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 71/118/KEE [6] tal-15 ta' Frar 1971 dwar problemi tas-saħħa li jeffetwaw il-Kummerċ fil-laħam tat-tjur frisk, kif emendat bid-Direttiva Nru 74/387/KEE;

— L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 72/461/KEE [7] tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' saħħa li jaffetwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk, kif emendat bid-Direttiva Nru 74/387/KEE;

— L-Artikolu 31 tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 72/462/KEE [8] tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u l-ispezzjoni veterinarja waqt l-importazzjoni ta' l-annimali bovini u tal-majjali u l-laħam frisk minn pajjiżi terzi, kif emendat bid-Direttiva Nru 74/387/KEE.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

M. A. CLINTON

---

[1] ĠU C 111, ta' l-20.5.1975, p. 26.
[2] ĠU L 255, tat-18.10.1968, p. 23.
[3] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
[4] ĠU L 202, ta' l-24.7.1974, p. 36.
[5] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.
[6] ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.
[7] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 24.
[8] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.